MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 370/2010

**A B**

**-vs-**

**C D B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbet lil din il-Qorti:

Tordna u tiddikjara illi l-kura u l-kustodja tal-minuri E B tigi fdata esklussivament lil ommha r-rikorrenti A B, taht dawk il-kundizzjonijiet li hi jidhrilha xierqa u opportun.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta’ C D B li, ghar-ragunijiet hemm premessi talab lill-Qorti tichad l-istess talba.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat id-digriet taghha tal-20 ta’ April 2011, li permezz tieghu, din il-Qorti ordnat li *pendente lite*, il-minuri tabita ma’ ommha, b’access liberu ghall-missier skond ix-xewqat tal-istess minuri.

Semghet lill-minuri in camera darbtejn u kkunsidrat ix-xewqat taghha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Jirrizulta illi l-minuri f’din il-kawza ghandha sittax-il sena. Hija bint ir-rikorrenti u F G, sieheb attwali tal-omm. Ghalkemm registrata bhala bint C D B, testijiet xjentifici juru illi hija tassew bint F G. Jirrizulta illi b’sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta, C D B gie fdat bil-kura u kustodja tal-minuri. L-istess minuri issa, la taf min hu missierha naturali, qeghda turi x-xewqa li tghix b’mod permanenti ma’ ommha u missierha naturali.

L-intimat qed jeccepixxi n-nullita’ tal-proceduri stante li m’hemmx awtorizazzjoni ghalihom ai termini tal-Avviz Legali 397/2003. Jirrizulta lil din il-Qorti illi l-medjazzjoni inghalqet fid-29 ta’ Settembru 2010 permezz ta’ digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta, liema digriet testwalment jghid hekk:

“*Il-Qorti,*

*Rat in-nota tal-Medjatur Audrey Attard tas-27 ta’ Settembru 2010.*

*Tordna li l-medjazzjoni tinghalaq.*”

Jirrizulta min-nota tal-istess medjatur illi C D B ma deher qatt ghall-medjazzjoni. Ghalhekk, il-medjazzjoni, minhabba l-agir tal-istess C D B ma setghetx thalli frott.

Fic-cirkostanzi, il-Qorti tqis li d-dicitura uzata mill-Qorti fid-digriet taghha fuq citat tad-29 ta’ Settembru 2010 tinkludi bilfors awtorizazzjoni ghall-kawza. Li kieku kien mod iehor, il-Qorti tkun qed tippermetti lil min ma jidhirx ghall-medjazzjoni li jcahhad lill-kontro-parti mid-dritt tal-azzjoni, rizultat din li zgur ebda ligi jew Qorti ma jistghu jippermettu.

Ghalhekk l-eccezzjoni tan-nullita’ qeghda tigi michuda.

Dwar il-mertu, din il-Qorti tibda biex tinnota, kif kellha okkazzjoni tirrimarka f’cirkostanzi ohra, illi, aktar milli konsiderazzjonijiet legali, kawzi ta’ din ix-xorta jirrikjedu apprezzament ta’ fatti kif esposti lill-istess Qorti. Fil-kaz in ezami, din il-Qorti tqis illi huwa fl-interess suprem tal-minuri li tkun fil-kura u kustodja ta’ ommha. Sabiex waslet ghal din il-fehma, il-Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet.

– L-Art. 131(4) tal-Kodici Civili.

– L-Art. 56(4) tal-Kodici Civili.

– Id-drittijiet tal-minuri kif enuncjati fil-Konvenzjoni tal-Gnus Maqghuda dwar Drittijiet tat-Tfal.

– Il-minuri ghandha sittax-il sena. Ghalhekk ix-xewqat taghha ghandhom piz konsiderevoli. Tixtieq tmur tghix ma’ ommha. Il-Qorti semghet ix-xewqat tal-minuri personalment.

– Is-sieheb tal-omm, cioe’ F G, huwa missier naturali tal-minuri ghalkemm mhux rikonoxxut bhala tali fuq ic-certifikat tat-twelid taghha. Ghalkemm intqal hafna fi proceduri ohrajn rigward il-mod kif saru l-ezamijiet xjentifici, hadd ma gab lill-Qorti ebda prova li m’humiex korretti.

– Ma ngabet lill-Qorti ebda raguni li b’xi mod twassal lill-Qorti li l-ambjent li ser tkun tghix fih ma’ ommha m’huwiex idoneu.

– Il-fatt illi jekk il-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata f’idejn C D B, il-minuri tigi mpoggija fis-setgha ta’ persuna li la hi ommha u lanqas missierha meta l-istess ommha u missierha jriduha maghhom, sitwazzjoni din li l-Qorti tirrikorri ghaliha biss f’kazi estremi ta’ periklu ghall-minuri, li certament mhux il-kaz fil-kawza odjerna.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

Filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut,

Tilqa’ t-talba ta’ A B kif dedotta. Il-Qorti tordna ukoll illi l-minuri tattendi ghal erba’ (4) sessjonijiet mal-psikoterapista Joyce Sciberras li qed tigi nominata ghal dan l-iskop, bil-ghan li tigi mghejjuna tiggestixxi s-sitwazzjoni familjari taghha, dan a spejjez tal-istess rikorrenti.

Ghar-rigward tal-ispejjez tal-kawza, dawn jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------